**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Wajdi Salih Jumaa Omran**

Kaz Numru: 01/16

Illum 5 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Wajdi Salih Jumaa Omran**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, nazzjonalita' Libjana, iben Salih u Nuriya, imwieled Gharian, il-Libja fid-29 ta' Jannar 1987, residenti Gharian, il-Libja u detentur tal-Passaport Libjan bin-Numru GF7KYFHN

akkuzat talli:

1. fl-4 ta' Gunju 2016 jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer jew f'pajjiz iehor meta kellu fil-pussess tieghu dokumenti maħruġin minn awtorità kompetenti, cioé zewg passaporti Libjani innumerati 581103 u FK8GN484 rispettivament, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuna oħra jew irċieva d-dokumenti

msemmija li ġew ittrasferiti lilu minn persuna oħra (Kapitolu 61, Artikolu 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokumenti maħruġin lil persuna oħra, cioé dawk diġa msemmija fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (Kapitolu 61, Artikolu 4 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni (2) imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jissuggerixxu lill-Qorti sabiex ma timponiex piena effettiva ta' prigunerija fil-konfront tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi in segwitu tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija imputazzjoni. Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni din tirrizulta sodisfacentement pruvata *stante* li giet ammessa mill-imputat.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, dak li gie suggeriet mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena

idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputat u kif ukoll l-istqarrija (Dok. "DB 1") rilaxxata minnu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, wara li rat Artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Wajdi Salih Jumaa Omran hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena millum.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**